# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.6

## Kap 4: Ħarsu ftit 'l hemm

## Lezzjoni 4.6: Il-fqir u s-sinjur marru tajjeb flimkien

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jiddiskutu l-veru Milied;
2. Jisimgħu l-istorja tal-Maġi;
3. Jieħdu xi informazzjoni dwarhom;
4. Jiddiskutu l-importanza tagħhom fl-istorja tal-Milied.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpoint: L-istilla tal-Magi
- Karta ta' taħriġ 4.6
- Il-kanzunetta tal-Milied: The best present of all is Jesus – https://www.youtube.com/watch?v=m10kXZPhKic
- We three kings song: https://www.youtube.com/watch?v=sJpecRI_0wY

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Semma' l-kanzunetta tal-Milied: *The best present of all.*
- Stieden lit-tfal jgħidulek x'qed tgħid din il-kanzunetta.
- Enfasizza u fl-istess ħin irrevedi li Ġesù huwa l-aqwa rigal - rigal li rridu nibżgħu għalih kemm nistgħu.
- Uri ppt tal-istilla u ħalli t-tfal jgħidulek xi tfisser għalihom ukoll.
- Asal sal-Maġi. Staqsi: Min kienu dawn il-Maġi u minn fejn ġew?

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Islet kemm tista' informazzjoni mingħand it-tfal. Urihom l-powerpoint u ieqaf fejn hemm il-Maġi.
2. Agħti ftit informazzjoni dwar dawn il-Maġi. Kienu nies ta' skola u kienu ġejjin mill-bogħod. Il-post eżatt hu bejn wieħed u ieħor fejn hemm l-Iraq illum. Huma studjaw u waslu Betlem permezz ta' stilla speċjali li llum ngħidulha *The Betlehem Star*. Dawn il-persuni speċjali qraw u emmnu f'Alla, fitxew lil Ġesù għax għarfu bl-importanza tiegħu, u kollhom umiltà, adurawh. Lura lejn pajjiżhom, obdew u ħadu triq oħra minħabba li Erodi ried joqtol lil Ġesù. Kienu nies bravi tassew.
3. Enfasizza l-punt li dawn is-slaten maġi juru li Ġesù ġie għal kulħadd, għaliex huma ma kinux mill-Palestina imma kienu ġejjin minn pajjiż 'il bogħod. Dan juri li Ġesù jistieden lil kulħadd biex imur għandu.
4. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.6 u wara li tispjega s-silta mogħtija, stieden lit-tfal biex flimkien jiddiskutu Attività 1 u jimlew il-vojt fl-istorja tal-Maġi. Stieden lit-tfal ipinġu Attività 2 u jagħżlu l-aġġettivi li huma addatati għall-Maġi.
5. Asal għal Attività 3. Qajjem diskussjoni dwar l-umiltà u oħloq diskussjoni dwar meta nkunu umli. Agħlaq billi t-tfal jagħmlu t-talbiet tagħhom.
6. Spiċċa bis-song *We three Kings.*

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Kulħadd huwa maħbub minn Ġesù għax Hu ġie għal kulħadd.
2. Il-Maġi kienu nies ta' skola u kienu ġejjin mill-bogħod - bejn wieħed u ieħor fejn hemm l-Iraq illum.
3. Huma studjaw u waslu Betlem permezz ta' stilla speċjali li llum ngħidulha *The Betlehem Star*.
4. Dawn ir-rejjiet qraw u emmnu f'Alla, għax għarfu bl-importanza tiegħu, u kollhom umiltà, adurawh.
5. Lura lejn pajjiżhom, obdew u ħadu triq oħra minħabba li Erodi ried joqtol lil Ġesù. Kienu nies bravi tassew.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru rispett lejn kulħadd, anke lejn dawk li huma ta' twemmin differetni minnhom, għaliex Ġesù ġie għal kulħadd.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- Il-kanzunetta tal-Milied: The best present of all is Jesus –

  https://www.youtube.com/watch?v=m1OkXZPhKic

- We three kings song:

  https://www.youtube.com/watch?v=sJpecRI_OwY

## Nitolbu

Ġesù ,ħafna drabi nixtieq li nkun għaref bħall-Maġi. Il-kewkba tiegħi li twassalni għandek nixtieq li nibqa' nsegwiha tul ħajti kollha ħalli b'hekk qatt ma ninfired minnek.